**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Jannar, 2017**

**Rikors numru: 118/2015**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficcjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 635/14:**

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Vs**

**Jonathan Sant u Leon Agius**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Leon Agius fejn espona:

*Illi dan l-ahhar l-esponent gie mgharraf mill-Awtorita tat-Trasport li kien inhareg mandat ta' sekwestru kontra tieghu (numru 2267/14), per konsegwenza ta' liema ma thallix jitrasferixxi il-vettura tieghu bin-numru DAA 272 favur ta' terzi;*

*Illi minn indagini li ghamel in segwitu tramite l-konsulent legali tieghu jirrizulta li kienet giet prezentata l-ittra ufficjali fuq riferita kontra tieghu, liema ittra baqghet minghajr ebda twegiba;*

*Illi huwa jixtieq jikkontesta l-validita tal-ittra ufficjali in kwistjoni a bazi ta' zewg fatturi principali u cioe':-*

1. *Fl-ewwel lok il-kontenut tal-ittra ma tinsabx ikkonfermata bil-gurament mill-istess kreditur ossia minn rapprezentant legali tas-socjeta mittenti; u*
2. *Fit-tieni lok il-fatti elenkati bil-gurament huma lkoll ibbazati fuq fatti foloz ghas-semplici raguni li ma hu minnu xejn li l-odjern esponent kien qed isuq il-vettura bin-numru GBL 945.*

*Ghaldaqstant l-esponent talab illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tordna r-rexxissjoni tal-precitata ittra ufficjali li ghandha tigi konsegwentement dikjarata nulla u bla effett u dana ai termini tal-artikolu 166A (5) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat ir-risposta ta' Argus Insurance Agencies Limited[1] (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited fejn esponiet:

*Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikorsipprezentat mir-rikorrent odjern u qieghda tipprezenta r-risposta taghha ghall-istess skond il-ligi;*

*Illi r-rikorrenti qieghed jitlob ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rexxissjoni tal-ittra Ufficjali Numru 635/2014 ipprezentata mill-esponenti.*

[1] Fir-risposta taghha Argus Insurance Agencies Ltd irrelevant illi b'effet mis-6 ta' Gunju 2014, isem is-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited inbidel ghal Argus Insurance Agencies Limited, illi b'danakollu baqghet l-istess socjeta, u kwindi topera bin-numru ta' registrazzjoni ma' Malta Financial Services Authority, C – 597. L-istess socjeta baqghet ukoll dejjem tagixxi bhala agenti tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited.

*L-esponenti tissottometti bir-rispett illi r-rikors huwa assolutament frivolu u dan ghar-ragunijiet segwenti:-*

a. *L-argument illi l-Ittra Ufficjali ma gietx ikkonfermata bil-gurament mir-rapprezentant legali tas-socjeta' esponenti*

*Ir-rikorrenti jallega illi l-Ittra Ufficjali ma gietx ikkonfermata bil-gurament mir-rapprezentant legali tas-socjeta' esponenti kif trid il-Ligi. Dan assolutament mhux minnu stante illi, skond ma jirrizulta mill-Kopja Legali tal-istess Ittra Ufficjali, illi qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RMS1, il-kontenut tal-istess gie kkonfermat bil-gurament kontestwalment mal-prezentata, mill-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina, illi ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta' esponenti skond ma jirrizulta mill-website tal-Malta Financial Services Authority – kopja tal-pagna applikabbli hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RMS2.*

*B'hekk dan l-argument tar-rikorrenti ghandu jigi michud.*

b. *L-argument illi l-fatti dikjarati fl-Ittra Ufficjali huma foloz*

*It-tieni argument tar-rikorrenti huwa illi l-fatti dikjarati fl-Ittra Ufficjali huma foloz u dana stante illi skond l-istess rikorrenti, mhux minnu illi huwa kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 945 fit-18 ta' Gunju 2011.*

*L-esponenti tissottometti bl-akbar rispett illi s-subinciz (5) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi lista ezawrjenti tac-cirkostanzi meta tista' tintalab ir-rexxissjoni ta' Ittra Ufficjali pprezentata ai termini tal-istess Artikolu ossia:-*

- *Meta d-debitur ma kienx jaf b'dik l-Ittra Ufficjali ghaliex huwa ma giex notifikat kif imiss – cirkostanza illi certament illi ma tirrizultax f'dan il-kaz stante illi r-rikorrenti gie notikat personalment bl-Ittra Ufficjlai nhar il-25 ta' April 2014, dana skond ma jirrizulta mir-riferta relattiva [Dok. RMS1];*

- *Meta l-Ittra Ufficjali ma tkunx tikkontjeni l-formalitajiet stipulati fis-subinciz (1) tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' illi d-dejn ma jeccedix l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) u d-dikjarazzjoni illi dan l-istess dejn huwa cert u dovut – cirkostanza illi ma tirrizultax fil-kaz odjern stante illi fil-paragrafi (a) u (b) tal-Ittra Ufficjali, is-socjeta' esponenti ddikjarat illi l-ammont dovut huwa ta' erbat elef sitt mija u tmientax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€4,618.94) u illi tali dejn huwa cert u dovut;*

- *Meta l-Ittra Ufficjali ma tkunx tikkontjenti l-formalitajiet stipulati fis-subinciz (2) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia ma tkunx ikkonfermata bil-gurament mill-kreditur jew rapprezentant tieghu quddiem ir-Registratur tal-Qorti jew quddiem Prokuratur Legali [cirkostanza illi, kif ga sottomsess ma tirrizultax f'dan il-kaz stante illi nghata gurament mill-Prokuratur Legali Gerald Bonello], ma tkunx tispjega r-raguni illi fuqha tkun imsejsa t-talba jew ma tkunx tikkontjeni dikjarazzjoni tal-fatti – lanqas dawn ic-cirkostanzi ma jinkwadraw ruhhom stante illi l-paragrafi (c) u (d) jaghtu d-dettalji kollha tar-raguni illi fuqha hija msejsa t-talba tal-esponenti u jikkontjenu dikjarazzjoni ddettaljata tal-fatti illi wasslu lill-esponenti sabiex tipprezenta l-istess Ittra Ufficjali;*

- *Meta l-Ittra Ufficjali ma tkunx tikkontjeni l-formalitajiet stipulati fis-subinciz (3) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' ma tkunx tikkontjeni l-intimazzjoni lid-debitur illi jekk huwa ma jirregistrax opposizzjoni ghall-istess Ittra Ufficjali fi zmien tletin (30) jum min-notifika, l-ittra Ufficjali ssir titolu ezekuttiv, u illi l-opposizzjoni tad-debitur tista' ssir permezz ta' nota illi tista tigi pprezentata minghajr il-htiega ta' Avukat jew ta' Prokuratur Legali – cirkostanza illli ma tirrizultax stante illi tali intimazzjoni hija espressament u kjarament kontenuta fl-ewwel u t-tieni pagni tal-Ittra Ufficjali.*

*Is-subinciz (6) tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi specifikatament illi r-revoka ta' titolu ezekuttiv naxxenti minn ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-istess artikolu ma tistax tintalab hlief ghar-ragunijiet elenkati fis-subinciz (5) tal-istess Artikolu. Tali subinciz (5) fl-ebda waqt ma jipprovdi ghall-possibilita' illi tigi pprezentata talba ghar-revoka abbazi ta' allegazzjoni illi l-fatti dikjarati fl-ittra Ufficjali ma jkunux veritieri – dan ovvjament ghaliex id-debitur ikun diga' nghata l-opportunita' illi jopponi ghall-pretensjoni tal-kreditur entro l-perjodu ta' tletin (30) jum min-notifika tal-ittra Ufficjali, li ghalhekk*

*debitur illi ma jkunx ipprezenta opposizzjoni entro t-terminu lilu koncess mil-Ligi ma jistax jippretendi illi jattakka l-itta ufficjali wara illi din tkun saret titolu ezekuttiv.*

*Ghalhekk l-esponenti tissottometti bir-rispett illi anke t-tieni argument tar-rikorrenti ghandu jigi michud stane illi l-azzjoni ttentata mill-istess rikorrenti ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tas-subinciz (5) tal-Artikolu 166A.*

*Minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-esponenti tissottometti illi assolutament mhux minnu illi l-fatti dikjarati fl-Ittra Ufficjali huma inveritieri. Ir-rikorrenti odjern jallega illi huwa ma kienx qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 945. F'dan ir-rigward, is-socjeta' esponenti tipprezenta s-segwenti dokumenti ghall-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti:-*

- *Dok. RMS3 – Ir-rapport redatt mill-Gwardjani Lokali relattivament ghall-incident awtomobilistiku de quo minn fejn jirrizulta kjarament l-involviment tar-rikorrenti – Leon Agius, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 22687(M) – illi kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 945, assigurata mas-socjeta' esponenti – kollox kif dikjarat fl-ittra ufficjali;*

- *Dok. RMS4 – Kopja awtentikata tal-lodo illi nghata nhar it-28 ta' Awwissu 2013 fl-atti tal-proceduri ta' Arbitragg Mandatarju istitwit mit-terzi involuti fl-imsemmi incident fil-konfront tar-rikorrenti odjern, fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limited noe et vs Leon Agius et (M3129/2012], fejn ir-rikorrenti odjern instab unikament responsabbli ghall-istess incident.*

*B'hekk jirrizulta illi, kuntrarjament ghal dak minnu dikjarat, illum jirrizulta gudizzjarjament stabbilit, minn decizjoni illi ghaddiet in gudikat, illi ir-rikorrenti odjern attwalment kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBL 945 fil-hin tal-incident imsemmi fl-ittra ufficjali.*

*In vista tal-fuq premess, l-esponenti tissottometti illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Semghat ix-xhieda, rat id-dokumenti ipprezentati u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet

Ikkunsidrat:

Kif jirrizulta mir-rikors promotur, bil-proceduri odjerni ir-rikorrent qed jattakka l-validita tal-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili u li giet reza ezekuttiva, ghal zewg ragunijiet u cioe;

1. Li skond hu, l-ittra ma gietx ikkonfermata bil-gurament minn rapprezentant legali tas-socjeta intimata; u
2. Li l-fatti elenkati bil-gurament huma lkoll ibbazat fuq fatti foloz, ghax hu jallega li mhux vera li kien qed isuq il-vettura bin-numru GBL 945.

Ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu 166A tista' tigi biss attakkata ghab-bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 166A(5), li jippreskrivi hekk:
*(5) Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:*
*(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss;*
*jew*
*(ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3):*

*B'dan illi dan ir-rikors għandu jiġu appuntat għas-smigħ fi żmien ġimgħatejn."*

L-Artikolu 166A(6) jaghmilha cara illi *"Ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5), ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv li jinkiseb taħt dak is-subartikolu jew il-ħlas tar-rikavat ta' xi mandat jew bejgħ b'irkant li jsir konformement ma' dan."*

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra wahda wahda r-ragunijiet li fuqhom ir-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu ghal dikjarazzjoni ta' nullita tal-ittra ufficjali in kwistjoni

*(i)* *Li l-Ittra Ufficjali ma gietx ikkonfermata bil-gurament minn rapprezentant legali tas-socjeta mittenti*

Mill-kopja legali tal-Ittra ufficjali esebita, jirrizulta li l-kontenut taghha gie konfermat bil-gurament mill-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina, karta tal-Identita numru 397867 (M) quddiem il-Prokuratur Legali Gerald Bonello, Kummissarju b'setgha li jghati gurament, fit-22 ta' April 2014[2] - id-data li fiha giet ipprezentata l-istess ittra ufficjali in kwistjoni.

Mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Quentin Tanti, rapprezentanzant tar-Registratur tal-Kumpaniji, u dokument ezebit minnu waqt ix-xhieda tieghu fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2015[3] jirrizulta ampjament li fit-22 ta' April 2014, *"Nicholette Aquilina di Noto (397867(M))"* kienet wahda mir-rapprezentanti gudizzjarji ta' Argus Insurance Agencies Limited, li qabel kienet maghrufa bhala Fogg Insurance Agencies Limited.

Konsegwentement din l-ewwel allegazzjoni tar-rikorrenti hija manifestament infondata.

*(ii)* *Li l-fatti elenkati bil-gurament huma lkoll ibbazati fuq fatti foloz, ghax hu jallega li mhux vera li kien qed isuq il-vettura bin-numru GBL 945.*

Kif sewwa irrilevat is-socjeta intimata fir-risposta taghha, l-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Procedura Civili jipprovdi lista ezawrjenti tar-ragunijiet li a bazi taghhom tista' tintalab in-nullita ta' Ittra Ufficjali pprezentata ai termini tal-istess Artikolu. Dawn ir-ragunijiet huma elenkati fir-risposta tas-socjeta intimata fuq citata, u a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel riferenza ghalihom. L-Artikolu 166A(6) espressament jipprojbixxi lil din il-Qorti milli tirrevoka ittra ufficjali mahruga taht l-Artikolu ghal raguni li ma hix wahda minn dawk elenkati fl-Artikolu 166A(5).

[2] Ara Dok RMS 3 a fol. 8 *et seq.* tal-process.
[3] Ara xhieda tal-PL Quentin Tanti a fol. 88 *et seq.* tal-process u d-dokument QT1 a fol. 94, minnu ezebit.

Allegazzjoni li l-fatti dikjarati bil-gurament fl-ittra ufficjali ma jkunux veritieri mhix wahda mir-ragunijiet kontemplata fl-Artikolu 166(5) li a bazi taghha debitur - ir-rikorrent odjern - jista' jitlob ir-rexxissjoni tal-ittra ufficjali. Kif sewwa qalet is-socjeta intimata fir-risposta taghha, ir-raguni ghala il-ligi tipprojbixxi dan hija li d-debitur ikun diga nghata l-opportunita illi jopponi ghall-pretensjoni tal-kreditur u jirribatti l-fatti dikjarati bil-gurament mill-kreditur, entro l-perjodu ta' tletin (30) gurnata min-notifika tal-ittra ufficjali. Konsegwentement, debitur illi ma jkunxipprezenta tali oppozizzjoni entro t-terminu lilu koncess mil-ligi, ma jistghax jippretendi li jattakka l-ittra ufficjali wara li din tkun saret titolu ezekuttiv, billi jikkontesta l-meritu.

Fid-dawl tas-suespost, it-tieni allegazzjoni tar-rikorrent ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-Artikolu 166A(5).

**Konkluzjoni**

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata, u tichad t-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

**Magistrat**

**Dott. Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**